MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2004

Numru 733/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alex P. Miruzzi)**

**vs**

**EMANUEL ELLUL**

**Illum, 18 ta' Ottubru, 2004.**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Emanuel Ellul ta' 48 sena iben Francis u Christina xebba Demicoli imwieled Pieta` fit-8 ta' Novembru, 1955 u residenti 17, Manfri Triq G. Tragance Luqa u detentur tal-karta tal-identita` numru 770955 (M) gie akkuzat:-

Talli fil-21 ta’ April 2004 u fil-jiem ta’ qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer xjentement laqa` ghandu hwejjeg misruqa li ghandhom valur ta’ aktar minn Lm100 izda anqas minn Lm1,000, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahal biex imexxihom.

Ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gie fil-pussess ta’ arma tan-nar, jigifieri senter tal-marka Breda b’numru ta’ serje mibrux jew munizzjon, xort’ohra milli b’licenzja, u minnufih naqas jaghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija, halli jordna jekk dik l-arma tan-nar jew munizzjon ghandhomx jinzammu taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tkun tat dak l-avviz.

Ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi bhala persuna li ghandha licenzja biex izzomm jew biex ikollha f’idejha jew fuqha arma tan-nar jew munizzjon, ma zammx fil-kustodja tieghu l-arma u l-munizzjon b’mod li ma jkunux jistghu jigu f’idejn haddiehor.

Il-Qorti giet mitluba li barra l-piena skond il-ligi tordna l-konfiska ta’ l-oggetti esebiti.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. AM3 u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta’ llum l-imputat ammetta l-akkuzi.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi ta’ l-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega’ wiegeb li hu hati.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Alex P. Miruzzi ddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikolu 334 (a) tal-Kap. 9 u l-artikoli 8, 9 (1) u 9 (3) tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Emanuel Ellul, fuq ammissjoni, hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-fatt li l-imputat Emanuel Ellul ammetta fi stadju bikri tal-kawza u li fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Alex P. Miruzzi ddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28 A u 28 B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Emanuel Ellul ghall-piena komplessiva ta’ sena prigunerija u mitt liri Maltin (Lm100) multa u tordna li din is-Sentenza inkwantu ghall-piena ta’ pringunerija m’ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ sentejn (2) mill-lum, l-imputat Emanuel Ellul jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija u l-Qorti qed taghti lill-imputat Emanuel Ellul l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28 A (4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 19 tal-Kap. 66 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna l-konfiska ta’ l-oggett esebit bhala Dok. PF1.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM---------------------------------